

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 11.12.2008
SEG(2008) 3029

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAS-SERVIZZI TAL-KUMMISSJONI

Li jakkumpanjaa

il-Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar in-netwerk ferrovjarju fil-biċċa għall-merkanzija kompetittiva**

VALUTAZZJONI TAL-IMPATT FIL-QOSOR

{KUMM (2008) 852 finali}
{SEG (2008) 3028}

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAS-SERVIZZI TAL-KUMMISSJONI

Li jakkumpanjaa

il-Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar in-netwerk ferrovjarju fil-biċċa għall-merkanzija kompetittiva

VALUTAZZJONI TAL-IMPATT FIL-QOSOR

1. ORGANIZZAZZJONI U PPJANAR GĦALL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Din il-valutazzjoni tal-impatt tirrigwarda s-segwitu tal-Komunikazzjoni adottata mill-Kummissjoni fit-18 ta' Ottubru 2007 intitolata "Lejn netwerk ferrovjarju bi prijorità għall-merkanzija"¹. Dan sar bil-kollaborazzjoni ta' konsulent estern.

Saru wkoll bosta konsultazzjonijiet: l-ewwel fl-2006 bħala appoġġ għall-Komunikazzjoni adottata f'Ottubru 2007, li ntlagħhet tajeb mis-settur u l-Parlament u l-Kunsill; imbagħad minn Jannar sa Ġunju 2008 permezz ta' grupp ta' esperti li jirrappreżentaw partijiet interessati differenti ikkonċernati minn din l-inizjattiva u li ġejjin minn diversi Stati Membri ; u fl-aħħar nett, f'Ġunju u Lulju 2008, tnediet konsultazzjoni pubblika, skont l-istandards tal-Kummissjoni.

2. GĦALFEJN TENĦTIEĠ AZZJONI BIEX JINĦOLOQ NETWORK FERROVJARJU GĦALL-MERKANZIJA KOMPETITTIVA?

It-trasport ferrovjarju tal-merkanzija ilu f'diffikultà għal dawn l-aħħar tletin sena minħabba fatturi differenti : tibdiliet industrijali, żvilupp tat-toroq, u rekwiżiti ġodda loġistiċi tal-kumpaniji. Biex twieġeb għal dawn id-diffikultajiet, il-Komunità nediet politika attiva biex terġa' tagħti l-ħajja lil-linji ferrovjarji bbażata fuq il-ftuħ gradwali għall-kompetizzjoni tas-servizzi tat-trasport (effettiva għat-trasport tal-merkanzija kollu mill-1 ta' Jannar 2007) u l-iżvilupp tal-interoperabbiltà tas-sistemi ferrovjarji.

Il-progress dgħajjed li sar fit-trasport ferrovjarju tal-merkanzija sa llum jirriżulta minn diversi fatturi fosthom : id-dewmien fl-iżvilupp tal-kompetizzjoni u tal-interoperabbiltà; in-nuqqas ta' kapaċitajiet fl-infrastruttura ta' kwalità tajba u affidabbli allokatu lit-trasport tal-merkanzija internazzjonali.

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja eżistenti, b'mod partikolari d-Direttiva 2001/14/KE dwar it-tqassim tal-kapaċitajiet ta' infrastruttura ferrovjarja, tinkludi serje ta' dispożizzjonijiet relatati mal-kooperazzjoni bejn amministratturi nazzjonali tal-infrastruttura (AI) biex tiffaċilita t-trasport internazzjonali tal-merkanzija u l-mod kif dan it-tip ta' traffiku għandu jiġi ttrattat

¹ KUMM (2007) 608

f'termini ta' allokazżjoni ta' passaġġi. Jidher li dawn id-dispożizzjonijiet mhumiex adegwati minħabba li mhumiex speċifiċi biżżejjed.

Għaldaqstant, l-iktar kwistjonijiet sensittivi fir-rigward tal-kapaċità tal-infrastruttura għat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija, b'mod partikolari tal-merkanzija internazzjonali, huma d-dgħjufija tal-kooperazzjoni kemm f'dak li jirrigwarda l-investimenti kif ukoll il-ġestjoni operattiva tal-infrastrutturi li jistgħu jwasslu għal differenzi fil-fruntieri; in-nuqqas ta' koordinazzjoni bejn il-parti tal-infrastruttura ferrovjarja u t-terminals fis-sens ġenerali (fil-portijiet, fuq l-art jew fl-istazzjonijiet tat-tqassim); il-ħtieġa għal tagħrif iktar trasparenti pprovdut lill-utenti tal-infrastruttura ; l-operat fuq il-linji tat-traffiku mħallat u l-għażla ta' investimenti, spiss il-merkanzija jkollha trattament inqas favorevoli mit-traffiku tal-passiġġieri.

Jekk ma tittieħed ebda miżura ġdida, ikun hemm riskju li d-diffikultajiet imsemmija qabel ikomplu jikbru b'mod illi l-linji ferrovjarji ma jkunux jistgħu jirreaġixxu b'mod xieraq għall-ħtiġijiet tal-mobikità tal-merkanzija.

3. GĦANIJIET

L-għan tal-Kummissjoni huwa li ttejjeb is-servizz pprovdut mill-amministraturi tal-infrastruttura lill-operaturi tat-trasport tal-merkanzija internazzjonali billi twessa', issaħħaħ u/jew tkompli l-inizjattivi eżistenti biex jinholq network ferrovjarju internazzjonali għall-merkanzija kompetittiva magħmul minn kurituri.

L-inizjattiva vvalutata f'dan l-istudju tissodisfa l-għanijiet ta' tkabbir tal-Aġenda ta' Liżbona u taqbel bis-sħiħ mal-linji gwida stipulati mill-Kummissjoni fil-White Paper dwar it-trasport għall-2010 u fir-Reviżjoni tagħha f'nofs il-perjodu, ippubblikata fl-2006. Tikkontribwixxi wkoll għall-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tal-Unjoni.

Fl-aħħar nett, bosta inizjattivi jagħtu jew taw kontribut għall-ħolqien ta' tali kurituri : l-ewwel pakkett ferrovjarju (Direttivi 2001/14/KE u 2001/12/KE), il-programm TEN-T (Network trans-Ewropew tat-Trasport), il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri (SM) u AI fil-qafas tal-kurituri tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (European Rail Traffic Management System – ERTMS), it-tħaddim tat-TAF TSI (Telematics Applications for Freight Technical Specification for Interoperability).

Il-Kummissjoni tixtieq għalhekk taġixxi fuq l-erba' fwies li jorbtu mal-problemi ewlenin : ittejjeb il-koordinazzjoni bejn AI; ittejjeb il-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-infrastrutturi ; tiżgura prijorità xierqa lill-ferroviji tal-merkanzija ; ittejjeb l-intermodalità matul il-kurituri.

4. ALTERNATTIVI

Biex jiġi żviluppat dan in-network, ġew ivvalutati tliet strateġiji alternattivi mill-Kummissjoni fil-qafas tal-Komunikazzjoni adottata f'Ottubru tal-2007² : l-ebda inizjattiva ġdida; il-ħolqien ta' network għall-merkanzija kompetittiva; il-ħolqien ta' network iddedikat lill-merkanzija. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-ħolqien ta' network għall-merkanzija kompetittiva hija l-aktar

² Ara l-Valutazzjoni tal-impatt SEC (2007) 1322

għażla xierqa. Madankollu, l-implimentazzjoni ta' din l-għażla m'għandhiex twaqqaf l-iżvilupp, aktar 'il quddiem, ta' netwerk iddedikat għall-merkanzija.

Din il-valutazzjoni tal-impatt tirrigwarda l-ħolqien ta' dan in-netwerk, u f'dan ir-rigward ġew eżaminati tliet alternattivi :

- alternattiva A (*status quo*) : xenarju ta' referenza fis-sens li l-ebda azzjoni ġdida ma tinbeda u l-azzjonijiet diġà mibdija (programm TEN-T, politika favur l-interoperabbiltà) jitkoplew. Min-naħa l-oħra, l-azzjonijiet ipprogrammati (b'mod partikolari it-tfassil mill-ġdid tal-ewwel pakkett ferrovjarju u l-istabbiliment tal-istrateġija dwar l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni) imma mhux mibdija, ma jitqiesux;
- alternattiva B (inizjattivi tal-politiki) : titwessa' l-inizjattiva ta' ERTMS għal kurituri oħra; jixterdu l-aħjar Prattiki; isir kontroll sistematiku tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti (li tikkonċerna l-kooperazzjoni internazzjonali u l-implimentazzjoni ta' skemi ta' prestazzjoni, b'mod partikolari) ; titħeġġeġ kooperazzjoni akbar bejn l-IM u l-AI u l-ħolqien volontarju ta' kurituri;
- alternattiva Ċ (tisħiħ leġiżlattiv) : tiġi proposta estensjoni għal-leġiżlazzjoni eżistenti li timponi l-kooperazzjoni bejn SM u AI fuq mill-inqas kuritur wieħed għal kull SM qabel l-2013; fuq dan il-kuritur, il-merkanzija jkollha biżżejjed prijorità u l-kompetizzjoni bejn l-operaturi tkun iffaċilitata; din l-estensjoni leġiżlattiva tiġi applikata għal netwerk ta' kurituri.

5. ASPETTI METODOLOĠIĊI LI JIRRIGWARDAW IL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Il-Kummissjoni għażlet valutazzjoni tal-impatt fuq il-kurituri A (Rotterdam-Ġenova) u E (Dresden-Budapest), li jikkumplementaw lil xulxin f'termini ġeografiċi (orjentat Tramuntana-Nofsinhar/Lvant-Punent; jinsabu f'żoni differenti tal-Unjoni), f'termini ta' opportunitajiet (marittimi/fuq l-art; żoni iffollati/mhux iffollati), f'termini ta' realtà tat-traffiku (intensità tat-traffiku; tqassim tat-traffiku bejn passiġġieri u merkanzija/bejn merkanzija internazzjonali u merkanzija interna) u f'termini ta' maturità tal-kooperazzjoni bejn il-partijiet interessati nazżjonali differenti³.

Ir-riżultati miksuba għal dawn iż-żewġ kurituri ġew estrapolati min-netwerk ERIM⁴ li jiġbor is-sezzjonijiet l-aktar iċċirkolati f'termini ta' merkanzija (dan in-netwerk ikopri 20% tal-linji Ewropej kollha li fuqhom jiċċirkolaw 56% tat-tunnellati-kilometri).

Fil-bidu, ġie vvalutat l-impatt operazzjonali għal kull kuritur, u wara, l-impatt fuq is-soċjetà bl-għajjnuna tal-mudell Transtools, abbażi tal- ipoteżijiet ġenerali u tar-riżultati miksuba f'dak li għandu x'jaqsam mal-impatt operazzjonali⁵.

Biex sar il-passaġġ mill-evalwazzjoni tal-impatti operattivi għall-evalwazzjoni tal-impatti soċjali, ir-riżultati miksuba fil-livell operattiv ġew, għal kull kuritur, maqluba f'"fatturi ta'

³ Ara id-dejta ewlenin relattivi għall-kurituri ERTMS fl-Anness 7.

⁴ ERIM huwa proġett li ġie pilotat mill-Unjoni Ferrovjarja Internazzjonali. Ara il-mappa tan-netwerk ERIM fl-Anness 8

⁵ Fl-Annessi, l-impatti operattivi huma msejja *micro-level impacts* u l-impatti soċjali huma msejja *macro-level impacts*.

evoluzzjoni" tal-ispejjeż u tal-veloċità kummerċjali tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija minn naħa, u tal-veloċità kummerċjali tat-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri min-naħa l-oħra. Dawn il-fatturi ta' bidla mbagħad ġew integrati fid-dejta meħtieġa għall-użu ta' Transtools.

6. ANALIŻI KWALITATTIVA GĦALL-KURITURI A U E

Fuq il-pjan kwalitattiv, il-vantaġġ ewlieni tal-alternattiva B huwa l-flessibbiltà kbira f'dak li jirrigwarda d-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa biex jitwettaq l-progress mixtieq. F'dan il-kuntest l-AI u l-iSM ikunu jistgħu jadattaw l-interventi tagħhom bl-aħjar mod sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifiċi tagħhom. Madankollu, l-alternattiva B tippreżenta riskji għoljin relatati mal-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri previsti u mal-eteroġeneità bejn il-kuritur differenti, kemm f'termini tekniċi, kif ukoll f'termini organizzattivi u ta' ritmu ta' progress.

Min-naħa tagħha l-alternattiva Ċ tirrappreżenta qafas aktar riġidu, imma għandha bħala vantaġġi viżibilità aħjar għall-operaturi tat-trasport tal-merkanzija fuq il-bidla fil-kuritur, ħolqien aktar koordinat tan-netwerk tal-merkanzija u bidla reali rigward il-ġestjoni tat-taħlit ta' traffiku fl-infrastruttura.

7. ANALIŻI KWANTITATTIVA

L-analiżi kwantitattiva tal-impatti turi progress fir-rigward tat-tnaqqis fil-ħinijiet ta' stennija fil-fruntieri jew fit-terminals, u spejjeż ta' unità ta' trasport ferrovjarju ta' merkanzija aktar sensitivi għall-alternattiva Ċ milli għall-alternattiva B, kemm fuq għall-kuritur A kif ukoll għall-kuritur E. L-ispejjeż amministrattivi iġġenerati permezz ta' kooperazzjoni akbar bejn AI ikunu parzjalment ikkumpensati mill-qliegħ relatat ma' spejjeż amministrattivi għall-kumpaniji ferrovjarji.

B'kollox, l-impatti finanzjarji fuq l-operazzjonijiet u fuq is-soċjetà jagħtu r-riżultati li ġejjin għan-netwerk ERIM kollu (il-figuri tat-tabella jesprimu l-bidliet meta mqabbla mal-alternattiva A f'miljuni ta' Ewro):

	Spejjeż/benefiċċji	ALTERNAT TIVA B	ALTERNA TTIVA Ċ
		NPV (M €)	NPV (M €)
Armonizzazzjoni teknika tal-infrastruttura	Investimenti biex jiġu mtawwla il-binariji ż-żgħar tal-ġenb	-3.219,6	-3.219,6
	Tnaqqis tal-ispejjeż tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija	2.409,9	2.409,9
	Tnaqqis fil-ħinijiet ta' stennija fil-fruntieri	4.941,4	6.532,7
Regoli ta' allokkazzjoni ta' passagi u ġestjoni tat-traffiku	<i>Kapaċità addizzjonali għall-ferroviji tal-merkanzija</i>	-	1.209,3
	Tnaqqis fid-dewmien (previst u mhux previst) tal-merkanzija	-	854,2
	Żieda fid-dewmien (previst u mhux previst) għall-passiġġieri	-	-473,8
	Żieda tan-nollijiet tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija	-	-263

	Spejjeż/benefiċċji	ALTERNATIVA B	ALTERNATIVA Ċ
		NPV (M €)	NPV (M €)
Terminals	Investimenti biex jiġu mtawwla l-binari ta' trasbord	-322	-322
	Tnaqqis tal-ispejjeż tal-immuntar tal-ferroviji	221,9	221,9
	Tnaqqis fid-dewmien tat-trasbordi	1.160,3	1.160,3
	Tnaqqis tal-ħin ta' stennija	-	3.770,9
Spejjeż amministrattivi	Spejjeż amministrattivi addizzjonali	5,9	-0,8
Total tal-valur preżenti nett fil-livell operattiv (mingħajr kapaċità addizzjonali)		5.197,8	10.670,7
Total tal-valur preżenti nett fil-livell operattiv (b' kapaċità addizzjonali)			11.880
Impatt ekonomiku	Tnaqqis fl-ispejjeż tat-trasport	3.806,9	5.604,3
Impatt ambjentali	Spejjeż esterni evitati	58.050,5	86.567,3
	Spejjeż evitati ta' konġestjoni	303.912,3	455.298,9
Total tal-valur preżenti nett fil-livell soċjali (mingħajr konġestjoni)		61.857,4	92.171,6
Total tal-valur preżenti nett fil-livell soċjali (b'konġestjoni)		365.769,7	547.470,5

8. SENSITTIVITÀ U RISKJI

Alternattiva A aktar pożittiva f' termini ta' armonizzazzjoni teknika u ta' ġestjoni tat-terminals intgħażlet għall-analiżi ta' sensitività fil-livell operattiv. Din tal-aħħar turi li l-alternattiva Ċ, għalkemm ix-xenarju ta' referenza huwa aktar ottimist, jibqa' jkollha impatt pożittiv kbir.

Rigward l-analiżi tal-impatti fil-livell soċjali, ġiet eżaminata is-sensittività tar-riżultati għall-varjazzjoni tal-ispejjeż tat-trasport tat-triq tal-merkanzija (dovuta għal żieda akbar tal-prezz taż-żejt, internalizzazzjoni aħjar tal-ispejjeż esterni jew għall-użu ta' vetturi itqal u itwal). Minn dan l-eżami jirriżulta li l-alternattiva A hija l-aktar waħda sensittiva għall-varjazzjoni tal-ispejjeż tat-trasport tat-triq waqt illi l-alternattiva Ċ hija l-inqas waħda sensittiva. Għaldaqstant, is-sensittività tat-tliet alternattivi għall-introduzzjoni ta' vetturi tat-triq akbar u itqal hija indaqs.

It-theddida ewlenija għat-tweqqif effettiv tal-alternattiva B hija n-nuqqas ta' garanzija rigward riżultati f'ċerti oqsma ta' intervent li għalihom xi obbligi jidhru kważi inevitabbli (dan jirrigwarda b'mod partikolari l-oqsma li jagħtu prijorità lit-trasport tal-merkanzija);

Għall-alternattiva Ċ, ir-riskju ewleni huwa li l-ambizzjonijiet tal-partijiet interessati differenti huma wisq limitati jew differenti; ir-riskju kbir l-ieħor jinsab fis-sensittività "tal-politika" li

tagħti prijorità lill-merkanzija u l-potenzjal li timmaniġġja it-trasport tal-passiġġieri b'mod ffit inqas favorevoli mil-llum.

9. SINTEŻI B'GĦADD TA' KRITERJI – ALTERNATTIVA MAGĦŻULA

It-tabella hawn taħt tirrappreżenta valutazzjoni b'għadd ta' kriterji ta' kif kull alternattiva tissodisfa d-diversi għanijiet speċifiċi u ġenerali.

		ALTERNATTIVA A <i>Status quo</i>	ALTERNATTIVA B Inizjattivi politiki	ALTERNATTIVA C Inizjattivi leġiżlattivi
GĦANIJIET SPEĊIFIĊI	Titjeb il-koordinazzjoni bejn amministraturi tal-infrastruttura	+	+	++
	Jitjebu il-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-infrastruttura	0	0	+
	Tiġi żgurata prijorità xierqa għall-ferroviji tal-merkanzija	--	-	+
	Titjeb l-intermodalità matul il-kuritur	+	+	++
GĦANIJIET ĠENERALI	Impatt ekonomiku	0	+	++
	Impatt ambjentali	-	+	+
	Impatt soċjali	0	0	-

Spjega : ++:impatt pożittiv ħafna; +:impatt pożittiv; 0: l-ebda impatt sinifikattiv; -: impatt negattiv; -- : impatt negattiv ħafna.

Rigward ir-riżultati miksuba fuq il-livell operattiv, l-impatti tal-alternattivi B u C jidhru pożittivi, anzi pożittivi ħafna kemm fuq il-livell kwantitattiv kif ukoll fuq il-livell kwalitattiv. Madankollu għandhom impatt differenti. Minħabba li l-alternattiva B hija approċċ volontarju, ir-riskji relattivi għall-implimentazzjoni tagħha jidhru akbar minn dawk tal-alternattiva C. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet relatati mal-prijorità lill-merkanzija u lit-terminals previsti fl-alternattiva C huma l-aktar li jipproduċu benefiċċji (dawn jikkontribwixxu bil-bosta għad-differenza ta' NPV bejn iż-żewġ alternattivi – EUR 5.1 biljun għall-alternattiva B kontra EUR 10.6 biljun għall-alternattiva C fuq in-netwerk ERIM) filwaqt li dawn qegħdin f'riskju kbir li ma jseħħux fil-qafas tal-alternattiva B.

Rigward ir-riżultati miksuba fuq il-livell soċjali, l-impatti jirriżultaw ukoll pożittivi. Wieħed jinnota wkoll li l-alternattiva C tippreżenta impatt soċjali ġenerali aktar pożittiv mill-alternattiva B. Dan huwa partikolarment minnu għall-kuritur E, li fuq l-alternattiva B ikollha impatt soċjali kważi null filwaqt li l-alternattiva C tippreżenta NPV ta' madwar EUR 5.5 biljun.

Wieħed jista' jikkonsidra li r-riżultati miksuba f'termini kwantitattivi huma pożittivi biżżejjed sabiex tingħata preferenza lill-alternattiva C u, bħala konsegwenza, jingħata bidu għal azzjoni leġiżlattiva fuq livell Komunitarju, dak li hu kkonfermat ukoll mill-konsultazzjonijiet differenti li saru fil-qafas ta' dan l-istudju.

Fl-aħħar nett huwa importanti li wieħed jistqarr li l-konsultazzjoni pubblika uriet li hemm appoġġ kbir għall-proposti tal-Kummissjoni relatati mal-alternattivi B u Ċ. Fil-biċċa l-kbira⁶ tal-oqsma tal-intervent, 80 % jew iktar minn dawk li rrispondew iqisu li dawn il-proposti se jkollhom impatt pożittiv jew xi ftit pożittiv. Il-proposti relatati mat-terminals huma partikolarment milqugħa tajjeb. L-istrutturi eżistenti ta' governanza huma meqjusa insuffiċjenti għal 69% ta' dawk li rrispondew. Dawn għandhom jitjiebu. Skont l-opinjoni espressi, il-proposti li jikkonċernaw regoli ta' allokkazzjoni aktar favorevoli għall-merkanzija għandu jkollhom ukoll impatt pożittiv jew xi ftit pożittiv skont aktar minn 80 % fost dawk li taw opinjoni.

Meta jitqiesu dawn l-elementi, il-Kummissjoni tikkunsidra l-alternattiva Ċ bħala prijorità. Xi elementi mill-alternattiva B jistgħu jitwettqu biex tiġi mħejjija, kontrollata u, jekk ikun meħtieġ, joħlqu u jappoġġjaw inizjattiva leġiżlattiva.

F'termini ta' selezzjoni tal-kuritori u ta' governanza tan-netwerk għall-merkanzija kompetittiva, l-approċċ li bih l-SM jipponu l-istabbiliment ta' kuritori, ivvalidat mill-Kummissjoni għall- kriterji prestabbiliti jidher l-aktar wieħed bilanċjat. Dan għandu fil-fatt jippermetti kontroll biżżejjed tal-iżvilupp tan-netwerk fil-livell Komunitarju filwaqt li jippreżenta vijabbiltà politika għolja. Dan jippermetti wkoll li tiġi żgurata l-koerenza bejn in-netwerk fil-parti l-kbira għall-merkanzija u n-netwerks tal-programm TEN-T (netwerk TEN-T, proġetti prijoritarji, kuritori ERTMS) biex jiġi żgurat li tkun tinftiehem sew il-politika Komunitarja f'dak li għandu x'jaqsam ma' infrastruttura ferrovjarja Ewropea u biex l-iżvilupp tan-netwerk ferrovjarju Ewropew fil-biċċa l-kbira għall-merkanzija jista' jibbenefika minn appoġġ finanzjarju Komunitarju fil-qafas ta' dan il-programm.

10. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

Il-Kummissjoni ser tippreżenta Proposta għal Regolament dwar il-ħolqien ta' netwerk għall-merkanzija kompetittiva (alternattiva Ċ) qabel l-aħħar tas-sena 2008. Dan l-istrument leġiżlattiv huwa privileġġjat meta mqabbel ma' Direttiva għax jippermetti li jiġu indirizzati dispożizzjonijiet u obbligi għall-partijiet interessati tas-settur u għall-Istati Membri. Jista' wkoll jiġi implimentat aktar malajr mid-Direttiva li trid tiġi trasposta f'liġi nazzjonali u jiżgura l-omoġeneità tal-miżuri implimentati fuq iż-żewġ naħat tal-fruntieri. Għandu jipprovdi għall-inizjattivi politiki mmirati għall-progress imħaffef kemm jista' jkun tal-kwistjoni u biex tittejjja l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

L-approċċ magħżul huwa l-iżvilupp ta' kuritori internazzjonali. L-evalwazzjoni tal-impatt Komunitarja ser issir permezz tal-monitoraġġ tal-ħolqien ta' dawn il-kuritori u tal-kontenut tagħhom minn naħa, u tal-monitoraġġ tal-kwalità u tal-kapaċità tas-servizzi internazzjonali ta' trasport ferrovjarju tal-merkanzija min-naħa l-oħra. L-impatti fuq ir-razzjonalizzazzjoni tal-investimenti, fuq ir-relazzjoni bejn operaturi u amministraturi tal-infrastruttura, fuq il-ġestjoni ta' problemi operattivi u fuq it-trasport ta' passiġġieri f'dawn il-kuritori se jkun eżaminati b'mod partikolari.

Biex jiġi żgurat dan il-monitoraġġ, il-Kummissjoni ser tipponi li jitwaqqaf grupp ta' amministraturi tal-infrastruttura. Hija ser tipponi wkoll li tkun tista' ssejjaħ Kumitat għat-tisħiħ tal-orjentazzjonijiet tal-kuritori u għall-konsistenza tal-kuritori differenti.

⁶ 91 % tal-opinjoni espressi iqisu li l-interventi proposti għandu jkollhom impatt pożittiv (jew xi ftit pożittiv għal aktar minn 75% tal-opinjoni espressi).